18 ta' Lulju, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Gio Maria Bonello *versus* Joseph Vella et.

**Elevazzjoni — Bejgħ — Tradizzjoni — Mandat Kawtelatorju — Kuratur — Nullità — Reġistratur — Art. 929 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-bejgħ ta' oġġetti mobili, jekk ma jkunx segwit mit-tradizzjoni ta' l-oġġetti mibjugħa, ma jippreġudikax id-drittijiet tat-terzi; u għalhekk dawk l-oġġetti jibqgħu suġġetti li jiġu elevati mill-kredituri tal-bejjiegħ.*

*Jekk ix-xerrej, biex jevita l-elevazzjoni ta' dawk l-oġġetti, jiddepożita s-somma dedotta fil-mandat, ma jistax wara jitlob li jerġa' jieħu lura dawk il-flus; għax b'dak id-depożitu ġiet evitata l-elevazzjoni ta' oġġetti li kienu sejrin jinqabdu leġittimament, u jkun immorali li min jagħmel dak id-depożitu jiġi awtorizzat jirtirah, meta huwa jkun impedixxa lill-kreditur milli jesperixxi leġittimament id-drittijiet tiegħu.*

*Il-fatt li r-Reġistratur ma jinserix f'mandat kawtelatorju l-isem tal-kuratur li jiġi maħtur biex jirrappreżenta lid-debitur, meta l-mandat jiġi ottenut kontra persuna li għandha tiġi rappreżentata minn kuratur, u dan qabel ma jagħti kors lill-mandat, ma jirrendix null l-istess mandat.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta biex jiġi awtorizzat, non ostante l-oppożizzjoni tal-konvenut, jiżbanka l-ammont kollu li jinsab depożitat taħt l-awtorità ta' din il-Qorti biċ-ċedola nru. 581/53 (Dok. B anness ma' l-avviż) magħmul in eżekuzzjoni ta' mandat ta' qbid kontra Emmanuele Darmanin (dok. A), u dana billi l-ammont depożitat huwa spettanti lill-attur, u l-konvenuti ma kellhomx u ma għandhomx ebda dritt fuqu, u previa r-revoka ta' l-eżekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat; bl-ispejjeż, kompriżi 3s. ta' l-ittra interpellatorja tas-26 ta' Frar 1953, u kompriżi dawk tar-rikors tal-24 ta' Marzu 1953 (dok. C);

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tad-29 ta' Mejju 1953, li ċaħdet it-talba, bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi in kawtela ta' kreditu li l-konvenuti kellhom kontra Emmanuele Darmanin, u li ġie in segwitu kanonizzat b'sentenza ta 'din il-Qorti tal-20 ta' Marzu 1953, il-konvenuti talbu u ottenew l-ispedizzjoni ta' mandat ta' elevazzjoni kontra Darmanin, u ieħor ta' sekwestru. Meta l-Marixxall mar jeżegwixxi l-mandat ta' l-elevazzjoni fid-dar li kienet mikrija lil Darmanin, il-mara ta' l-attur infurmatu illi l-mobbli ta' Darmanin kienu xtrawhom huma; u biex tevita li jiġu elevati, ħallset lill-Marixxall l-ammont tal-kreditu u l-ispejjeż, u għalhekk il-Marixxal ma elevax dawk il-mobbli;

Illi ma hemmx kwistjoni dwar jekk il-mara ta' l-attur, meta ħallset il-kreditu, aġixxietx mingħajr kunsens tar-raġel, għax jirriżulta illi huwa approva dan l-aġir tagħha, tant mill-ittra eżibita tas-26 ta' Frar 1953, kemm mir-rikors ta' l-iżbank tal-24 ta' Marzu 1953, fejn l-attur ma allega xejn li ma kienx japprova l-aġir ta' martu, imma allega li dak il-pagament sar bi żball, billi martu ħasbet li s-sekwestratarju kellu l-obligu li jħallas;

Illi rriżulta li, għalkemm l-attur kien xtara l-mobbli ta' Darmanin, però dawk il-mobbli ma ġewx rimossi mill-post fejn kienu, u għalhekk, skond l-insenjament paċifiku tad-dottrina, la kienet għadha ma saretx it-tradizzjoni, dik il-vendita ma seigħetx tippreġudika d-drittijiet tat-terzi. Iżda anki f'dak il-każ, la l-mobbli kienu għadhom fid-dar tad-debitur, il-mandat seta' jiġi eżegwit, salvo talvolta li l-attur jaġixxi għar-revoka tiegħu fuq il-mobbli li kienu tiegħu;

Illi d-debitur jista' jevita l-eżekuzzjoni tal-mandat billi jħallas l-ammont indikat oltre l-ispejjeż; u ma hemm xejn kontra l-liġi illi dan il-pagament jiġi magħmul minn terza persuna għad-debitur, kif sar mill-mara ta' l-attur; u ma jirriżultax li dak il-pagament sar bi żball fis-sens li kienet taħseb li kienet obligata tagħmlu, għaliex anzi jirriżulta illi hija għamlitu wara li kien spjegalha l-pożizzjoni l-Marixxal, biex tevita li jiġu elevati mobbli li kienet xtrat, u li kienu però sejrin jinqabdu leġittimament, u għalhekk id-depożitu sar sa-

biex jiġu kawtelati d-drittijiet tal-konvenuti; u għalhekk ikun immorali kieku l-atur jiġi awtorizzat li jirtira dawk il-flus wara li bil-ħlas tagħhom huwa impedixxa lill-konvenuti jesperixxu leġittimament id-drittijiet tagħhom;

Illi l-atur jallega illi l-mandat ta' l-elevazzjoni ġie eżegwit nullament, għax kien għadu ma ġiex nominat il-kuratur;

Huwa fatt illi l-art. 929 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiddisponi illi "it shall be the duty of the Registrar.......... to insert the names of such curators in the act before giving course thereto"; iżda dan ma jfisserx illi qabel ma jiġi nominat il-kuratur ma jistax jiġi eżegwit mandat, li l-effikaċja tiegħu qiegħda appuntu fl-eżekuzzjoni immedjata, għax diversament jistgħu jiġu elużi l-kawteli li l-liġi stess tagħti lill-kreditur biex jikkawtela ruħu;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, li biha appella missentenza fuq imsemmija tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tad-29 ta' Mejju 1953;

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur appellant, li talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tad-29 ta' Mejju 1953, u l-laqgħa tat-talba tiegħu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi hemm lok li jiġu mħaddna r-raġunijiet li ġiebet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, u għalhekk dina l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet li għalihom waslet dik il-Qorti. Għandu jingħad ukoll li l-inosservanza da parti tar-Reġistratur tar-regola li qabel ma jagħti kors għall-mandat iniżżel fih isem il-kuratur ta' l-imsiefer lanqas tista' ġġib in-nullità tal-mandat, għax ma ġġib ebda preġudizzju irriparabili għall-eżekutat, u l-liġi ma tippreskrivix dik ir-regola bil-piena tan-nullità. Barra minn dan, dak id-dmir impost lir-Reġistratur fl-art. 929 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili lanqas ma jidher li huwa applikabili u intiż għall-mandati kawtelatorji ta' Qorti Inferjuri;

U tabilħaqq, dak l-artikolu jikkontempla u jsemmi biss "l-att li fih tinġieb 'il quddiem il-kawża", u dana l-att ma jistax ikun ħlief iċ-ċitazzjoni u l-avviż li bihom issir it-talba

ta' l-attur u b'hekk tiġi eżerċitata l-azzjoni. Il-mandati kawtelatorji mhumiex l-att li bih tinġieb 'il quddiem il-kawża; anzi fil-Qorti Inferjuri lanqas jistgħu jintalbu u jinħarġu, jekk it-talba għal dan il-mandat ma ssirx flimkien ma' talba biex il-kreditu jew il-pretensjoni jiġu kanonizzati b'sentenza (art. 851 Kodiċi Proċedura Ċivili). U dana juri biċ-ċar kemm dak il-mandat ma jistax ikun l-att kontemplat fl-art. 929 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Għaldaqstant l-eċċezzjoni tan-nullità tal-mandat, jew ta' l-eżekuzzjoni tiegħu, minħabba li ġie eżegwit mingħajr ma saret fuq l-att l-inserzjoni ta' isem il-kuratur ta' l-imsiefer qabel l-eżekuzzjoni, ma għandha ebda fundament;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, tiċħad l-appell ta' l-attur u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.